Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef A. Ellul

Appell numru: 243/2012AE

**Miqna System Limited**

**Vs**

**Visual and Sound Communications Limited**

It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016.

Il-kawza titratta hlas li s-socjeta attrici tippretendi minghand dik konvenuta fl-ammont ta' €4,799.17, rikavat li tippretendi mill-bejgh ta' biljetti skond il-kuntratt tat-30 ta' Settembru 2006. Id-difiza tal-konvenuta kienet bazata fuq 'il fatt li l-attrici ma kellhiex jedd li titlob il-hlas ghaliex l-invoices originali kienu nhargu minn MaltaTicket.com Limited. Skond il-konvenuta, l-attrici qeghda llum tippretendi l-hlas ghaliex kien inhareg mandat ta' sekwestru numru 1833/2011 minn Heritage Malta kontra MaltaTicket.com Limited, u nbidel l-isem fuq l-invoices ghal dak tal-attrici sabiex xorta jsir il-hlas.

L-ewwel qorti osservat li:-

i. Il-kuntratt tat-30 ta' Settembru 2006 hu l-bazi tar-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti. Mill-ftehim hu car li l-attrici hi l-operatur tas-sistema ta' bejgh tal-biljetti filwaqt li l-konvenuta hi l-agent.
ii. Is-socjeta MaltaTicket.com Limited ma tissemmiex fil-kuntratt. Giet involuta meta l-invoices bdew johorgu f'isimha.
iii. L-obbligi li kellha s-socjeta konvenuta kienu fil-konfront tal-attrici. Il-konvenut, kieku riedet, setghet tirrifjuta li thallas lis-socjeta MaltaTicket.com Limited.
iv. Il-konvenuta kienet taf ma' min ghamlet il-ftehim.

L-aggravji tas-socjeta konvenuta (appellanti), huma:

1) Dak li sar kien evidentement sabiex jigi frustrat l-effett tal-Mandat ta' Sekwestru 1833/2011 debitament mahrug mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u sabiex b'hekk jigi reklamat hlas li l-kumpannija intimata, bhala sekwestratarja fuq l-istess mandat, kienet prekluza milli taghmel lill-kumpannija MaltaTicket.com Ltd. Kif eccepit fl-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-kumpannija intimata, hija l-fehma umli tal-kumpannija appellanti illi fic-cirkostanzi l-azzjoni attrici hija wkoll milquta minn kawza illecita' stante li l-iskop tat-tibdil l-*invoices* li huma l-kawzali ta' dina l-kawza kien biex tigi ppregudikata l-entita' governattiva Agenzija Heritage Malta li fuq talba taghha

kien inhareg il-mandat ta' sekwestru sabiex tikkawtela l-ammont ta' EUR 120,000 lilha dovut. Is-semplici fatt li kien gie ffirmat kuntratt fl-20 ta' Settembru 2006 minn David Pollina ghan-nom ta' Miqna Systems Ltd ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-fatturi ma kienux jghajjtu l-kumpannija attrici izda l-kumpannija MaltaTicket.com Limited, u dan skond sistema operata minnhom stess, u ghalhekk il-kumpannija attrici ma kinitx hi l-kreditrici ta' dawn il-fatturi meta gew mahruga u ntalab il-pagament permezz tas-sistema. Il-ftehim innifsu ma jghidx illi l-hlas kellu jsir lill-kumpannija attrici izda li: ***"the System will generate an invoice to Agent for all funds collected by Agent on sales since the last closing time".*** Jghid ukoll illi l-*bank transfer* kellu jsir: ***"to the bank account of the Miqna Client Trust, as designated by Miqna to Agent in Writing"*** . Is-sistema tas-socjeta' attrici ddezinjat lil MaltaTicket.com Limited. Fi kwalunkwe kaz il-"Miqna Client Trust" **ma hijiex** il-kumpannija attrici Miqna Services Limited. L-ewwel Qorti qalet illi *"kull ma kellha taghmel is-socjeta' intimata kienet illi tosserva l-ftehim minnha maghmul mas-socjeta' rikorrenti fit-30 ta' Settembru 2006."* Dak li ghamlet il-kumpannija intimata kien precizament li tosserva l-ftehim billi l-*invoices* mahruga skond il-ftehim kienu jghajjtu lil MaltaTicket.com Limited. Apparti minnhekk il-kumpannija appellanti kellha wkoll l-obbligu li ma taghmilx hlasijiet bi ksur tal-mandat;

2) Illi ghar-rigward tal-kumment illi l-Ewwel Qorti, li l-kumpannija intimati ma ghamlitx id-depozitu wara l-mandat, ghandu jinghad illi l-kumpannija intimata appellanti ma setatx tghaddi biex tiddepozita l-flus gol-Qorti ghall-beneficcju tal-kredituri tal-kumpannija Maltaticketing.com Ltd galadarba kellha *claim* kontriha ghall-istess bilanc mill-kumpannija attrici Miqna Services Limited. Illi l-kumpannija attrici lanqas ma ressqet xi prova illi saret assenjazzjoni jew cessjoni tal-kreditu mertu tal-fatturi mill-kumpannija MaltaTicket.com lill-kumpannija attrici Miqna Systems Limited u ai termini ta' l-Artikolu 1470(1) tal-Kodici Civili cessjoni ta' kreditu ghandha ssir bil-miktub;

3) Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija wkoll zbaljata in kwantu laqghet it-tieni talba attrici, ghalkemm fil-fatt ma ghamlet ebda kundanna ghall-hlas ta' danni u mill-korp tas-sentenza appellata mkien ma jirrizulta li din it-talba kienet gustifikata. L-Ewwel Qorti kellha ghalhekk, fid-*decide* taghha, tichad it-tieni talba attrici u tati xi motivazzjoni dwar din it-talba fis-sentenza. Mill-provi migbura huwa car illi t-tieni talba attrici ghall-hlas tad-danni ghall-allegat ksur ta' obbligi kuntrattwalli versu l-kumpannija Miqna Systems Limited li taghti lok ghall-hlas tad-danni u lanqas ma ngiebet prova mill-kumpannija attrici dwar danni reali u attwali minnha sofferti. Huwa ben risaput li l-oneru tal-prova jispetta lill-kumpannija attrici li mhux biss ma ssostantjatx l-allegata inadempjenza kuntrattwali msemmija fl-avviz, izda lanqas ma gabet prova kif trid il-ligi tad-danni allegatament sofferti;

Il-kumpannija attrici (appellata) wiegbet (24 ta' Frar 2014) u tat ir-ragunijiet taghha:

1) Il-kumpannija appellanti hi zbaljata fil-fatti meta tghid li fil-fehma taghha l-fatturi generati mis-sistema tas-socjeta' Miqna kienu jghidu li l-*hlas kellu jsir lil Maltaticket.com Limited*. Kif jidher mill-fatti li gew ipprezentati quddiem l-Ewwel Qorti, specifikament skont il-ftehim, l-ammonti li kienu jingabru mis-socjeta' appellanti VSC ghall-bejgh ta' biljetti, kellhom jithallsu lill-kumpannija appellata u lill-ebda persuna jew kumpannija ohra;

2) Kif jidher skont il-provi, il-fatturi gew emendati *"in order to reflect the legal position between all the parties who are involved in the contract",* u allura bir-rispett, il-kumpannija appellanti hija skorretta meta tghid li dan il-bdil sar b'xi intenzjoni frawdolenti jew a skapitu ta' mandati mahruga mill-Qrati. Din hija ghal kollox interpretazzjoni ingusta u minghajr bazi. Di piu', ghalkemm kien hemm bdil minn Maltaticket.com Limited ghal Miqna, dan ma biddel xejn mill-obbligu fil-ftehim li l-kumpannija appellanti kellha thallas lill-kumpannija appellata l-flus dovuti ghal bejgh ta' biljetti; il-kumpannija Maltaticket kienet tidher fuq il-fatturi biss ghall-finijiet ta' hlas ta' *commission* lill-agenti; Jibqa' wkoll il-fatt illi nonostante li sar il-Mandat, u jekk veru kien il-hsieb (skorrett) tal-kumpannija appellanti li l-ammonti kienu dovuti lill-kumpannija Maltaticket.com Limited, kif qed tishaq fl-appell taghha, mela din kienet taghmel depozitu fl-atti ta' dak il-Mandat;

3) Taqbel mal-ewwel qorti in kwantu din laqghet it-tieni talba tal-kumpannija appellata gja' attrici ghad-danni, u s-sentenza tal-Qorti timmerita li tigi kkonfermata f'dan ir-rigward, salv dak li qeghdin isostnu l-atturi appellati fl-appell incidentali taghhom. In fatti, s-socjeta' appellata ser tipprevalixxi ruhha minn dan l-appell sabiex tressaq appell incidentali mid-*decide* tal-Ewwel Qorti fejn laqghet it-talba ghal hlas tad-danni izda fl-istess nifs, skartat ghal kollox milli tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu mill-kumpannija appellanti, u dan kif ser jigi trattat fl-appell incidentali.

Il-konvenuta appellat ukoll mis-sentenza ghaliex fir-rigward tat-tieni talba l-ewwel qorti ma llikwidatx danni. Min-naha taghha l-attrici argumentat li:

i. In-nuqqas ta' hlas jista' biss jaghti lok ghall-hlas ta' imghax (Artikolu 1139 tal-Kodici Civili).
ii. Kienet l-attrici li tterminat il-kuntratt li kellha mas-socjeta konvenuta ghaliex ma sarx il-hlas mitlub.
iii. Id-danni li jissemmew a fol. 102 huma danni mmaginarji.
iv. L-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta attrici, li ma gabitx provi kif trid il-ligi.

**<u>Appell tas-socjeta konvenuta</u>**.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni, rat l-atti u tosserva:-

1. Tistqarr li ma fehimitx l-ispjegazzjoni li ta David Pollina, direttur tas-socjeta attrici, ghalfejn l-invoice kienu qeghdin jinhargu lil MaltaTicket.com Limited u mhux lill-attrici gialadarba l-ftehim kien bejn il-partijiet fil-kawza u MaltaTicket.com Limited ma tissemmiex.
2. Min-naha l-ohra kien hemm kuntratt bejn il-kontendenti, li kien ghadu fis-sehh fiz-zmien li ghalih jirreferu l-invoices meritu ta' din il-kawza. Is-socjeta konvenuta ma tikkontestax li dak il-kuntratt kien ghadu jorbot. Skond dak il-ftehim is-socjeta konvenuta kienet agent tal-attrici ghall-bejgh ta' biljetti[1]. Fil-kuntratt jinghad li: *"The funds due to Miqna will be paid by bank transfer to the account of Miqna Client Trust, as designated by Miqna to Agent in writing"* (fol. 20). Hu ghalhekk car li l-flus li kien qeghda tigbor l-attrici mill-bejgh tal-biljetti, kienu dovuti lis-socjeta attrici. F'kull wiehed mill-invoices, ukoll dawk li nhargu lil MaltaTikcet.com Limited, jinghad li *"Balance to be Paid in Trust by Exotique"* (ara fol. 69-101).
3. M'hemmx prova li kien sar xi kuntratt bejn MaltaTicket.com Limited u s-socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta kienet qeghda taghti servizz lis-socjeta attrici taht il-kuntratt iffirmat fit-30 ta' Settembru 2006 (fol. 19)[2]. L-uniku kuntratt li kien jezisti fil-perjodu li ghalih l-attrici qeghda tippretendi l-hlas minghand is-socjeta konvenuta, kien dak ta' bejn il-kontendenti. Il-flus li l-konvenuta kienet qeghda tigbor mill-bejgh tal-biljetti, kien bhala agent tas-socjeta attrici. Ghalhekk l-attrici ghandha dritt titlob il-hlas minghand is-socjeta konvenuta.
4. Fil-kuntratt jinghad li: *"Any waiver, amendment, or change to this Agreement must be in writing and signed by the parties"* (fol. 21). Ma jirrizultax li sar xi haga f'dak is-sens.
5. L-invoices li ghalihom saret riferenza, kienu dwar hlas ta' kummissjoni dovuta lis-socjeta konvenuta. Kif sewwa qalet il-konvenuta, klawzola 4 tal-kuntratt tipprovdi: *"The System will generate an invoice to Agent for all funds collected by Agent on sales since the last closing time"*. Pero' dan 'il fatt ma jfissirx li l-hlas kien fil-fatt dovut lill MaltaTicket.com Limited. Kumpannija lanqas biss tissemma fil-kuntratt li m'hemmx kontestazzjoni li jirregola r-relazzjoni kuntrattwali tal-partijiet.

[1] Fil-kuntratt jinghad: *"Whereas Miqna desires to appoint Agent as a Sales Agent on the System, to conduct the selling of Admission Tickets as available thereon (hereafter the Agency), an appointment accepted by Agent under these terms"* (fol. 19).

[2] *Ghal dak li jirrigwarda l-perjodu tal-ftehim, fi klawzola 1 tal-kuntratt jinghad: "The Agency will have a term of 1 year (one) from the date hereof, which term will automatically renew for additional terms of 1 year (one) each at the expiration of the initial term or any renewal unless written notice of cancellation by either party is provided to the other prior to 60 days (sixty) from the expiry of this Agreement or any renewal of it, on reasonable commercial cause relative hereto".*

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti taqbel perfettament mar-ragunament li ghamlet l-ewwel qorti. Fic-cirkostanzi hi tal-fehma li m'hemmx bazi sabiex tibdel dak li ddecidiet l-ewwel qorti fir-rigward tat-talba ghall-hlas tas-somma ta' €4,799.17.

Is-socjeta konvenuta lmentat ukoll mill-fatt li l-ewwel qorti laqghet it-tieni talba tal-attrici, li biha talbet lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta:

*"ii. Thallas id-danni sofferti mis-socjeta rikkorrenti rapprezentanti telf fuq bejgh ta' biljetti liema danni gew imgarrba unikament per konsegwenza tal-inadempjenza u l-ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tas-socjeta konvenuta skont 'il fuq imsemmi ftehim, liema ftehim gie tterminat, u liema danni ser jigu llikwidati fil-mori ta' dawn il-proceduri".*

Il-qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju hu gustifikat. Apparti l-hlas li ma sarx mill-attrici, ma tressqux provi dwar ksur ta' obbligi kuntrattwali. Ghal dak li jikkoncerna hlas li hu dovut, id-danni li kreditur ghandu jedd ghalihom hu l-imghax fuq is-somma dovuta (Artikolu 1139 tal-Kodici Civili). Jidher ukoll li kienet decizjoni tal-attrici li twaqqaf lis-socjeta konvenuta milli tkompli taghti servizz. Dan apparti li:

i. L-attrici ma tatx prova li kienet ipprovat tinkariga agent iehor sabiex ibiegh il-biljetti;
ii. Dak li l-attrici tghid li huma provi tad-danni allegatament soffert minnha, m'humiex sodisfacenti. L-attrici pprezentat biss dokument li Pollina pprepara ghal finijiet ta' din il-kawza (DP6 a fol. 102). Dokument li ma giex sostanzjat per ezempju bi provi dokumentarji.

**<u>Appell incidentali</u>**.

Fit-twegiba li pprezentat fl-24 ta' Frar 2014, l-attrici pproponiet appell incidentali ghal fatt li l-ewwel qorti ma llikwidatx id-danni minkejja li laqghet it-tieni talba. In vista ta' dak li nghad hawn fuq, m'hemmx danni x'jigu likwidati.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell tas-socjeta konvenuta dwar l-ewwel talba tar-rikors promotur prezentat fl-20 ta' Lulju 2012 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).**
2. **Tilqa' l-aggravju tas-socjeta appellanti dwar it-tieni talba u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar 2014 fis-sens li tichad it-tieni talba tas-socjeta attrici.**
3. **Tichad l-appell incidentali tas-socjeta attrici.**

**Spejjez tal-ewwel u tat-tieni istanza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjez relatati mal-appell incidentali huma a karigu tas-socjeta attrici.**

Anthony Ellul.